**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 114/17 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-kontendenti izzewgu fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) – certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. "A".

Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin in forza ta' kuntratt datat sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011) u in atti tan-Nutar Dottor Josef C. Masini Vento - anness u markat Dok. "B".

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Inoltre, jigi kkonfermat li ma hemm ebda arretrati ta’ manteniment dovuti.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

Tiddikjara z-zwieg taghhom bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi. Ghal dan il-ghan tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fiz-zmien hekk akkordat minnha, biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta’ Marzu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-7 ta’ Settembru 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.